Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9675 — Apollo Capital Management/Lopesan Group/IFA Faro Hotel/IFA Buenaventura Hotel)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 86/08)

1. Fis-6 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Apollo Capital Management L.P. ("Apollo", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Invertur Helsan, S.L.U. ("Lopesan", Spanja), finalment ikkontrollata mil-Lopesan Group,

— Hotel Faro, li hija Lopesan Collection Hotel ("IFA Faro Hotel") u Abora Buenaventura By Lopesan Hotels ("IFA Buenaventura Hotel") (flimkien "il-Lukandi fil-Miras", Gran Canaria, Spabja).

Apollo u Lopesan jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Hotel Faro u Hotel Buenaventura.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma u ftehim dwar il-ġestjoni tal-lukandi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Apollo: investiment f'kumpaniji involuti f'diversi negozji madwar id-dinja, fost oħrajn, kumpaniji fin-negozju tal-kimiċi, tal-isptarijiet, tas-sigurtà, tal-assikurazzjoni, tas-servizzi finanzjarji u tal-proprjetà immobbli,

— Lopesan Group: konglomerat Spanjol ibbażat fil-Gran Canaria li huwa sid ta' kumpaniji fis-setturi tal-kostruzzjoni, it-turiżmu, l-iżvilupp tal-proprjetà immobbli, tal-ħin ħieles u l-agrikoltura. Huwa sid u jħaddem 15-il lukanda mxerrda fil-Gran Canaria, Fuerteventura, il-Ġermanja, l-Awstrija, u r-Repubblika Dominikana. Lopesan Group jiġġestixxi wkoll sitt lukandi fil-Gran Canaria li huma proprjetà ta' terzi persuni,

— il-Lukandi fil-Mira: lukandi ta' erba' u ħames stilel li joffru kmamar kif ukoll ristorant, faċilitajiet tal-bar u tal-konferenzi f'San Barthomome de Tirajana fil-Gran Canaria, Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9675 — Apollo Capital Management/Lopesan Group/IFA Faro Hotel/IFA Buenaventura Hotel

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË